5 ta' Diċembru 2011

**Is-Sur Jose Manuel Barroso,**
**President tal-Kummissjoni Ewropea**

Il-Parlament ta' Malta eżamina l-proposta għad-Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji (TFF) u li temenda d-Direttiva 2008/7KE (KUMM (2011) 594) u kkonkludiet li din ma tissodisfax il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Għaldaqstant, skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Liżbona qed ngħaddilek opinjoni motivata mill-Parlament ta' Malta, bid-data tal-lum, annessa ma' din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

Michael Frendo

**Michael Frendo**

# OPINJONI MOTIVATA TAL-PARLAMENT TA' MALTA

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji (TTF) u li temenda d-Direttiva 2008/7KE (KUMM (2011) 594)**

**-**

**KUMM (2011) 594**

---

Il-prinċipji tas-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità jsiru relevanti fejn l-Unjoni u l-Istati Membri jikkondividu l-kompetenza f'xi qasam skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-kwistjoni ma tqumx. Il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni hi ovvjament eskluża f'materji fiskali. Għaldaqstant, l-unika possibbiltà oħra (kif il-Kummissjoni tassumi) hi li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom kompetenzi kondiviżi f'affarijiet fiskali, kif jippermetti t-Trattat dwar is-suq intern in ġenerali. Il-kwistjoni hi jekk l-Unjoni għandhiex is-setgħa li tadotta miżuri ta' armonizzazzjoni fiskali tan-natura ta' din il-miżura partikolari proposta.

## Is-setgħa tal-Unjoni li taġixxi

Il-bażi legali ta' din il-Proposta hi l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan jipprovdi li:

> Il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni li tittratta dwar taxxi fuq it-*turnover*, dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta daqs kemm din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja sabiex tiżgura l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern u tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

F'dan il-kuntest, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jesiġi mill-Kummissjoni illi din turi mingħajr ekwivoku illi kull miżura proposta minnha hija neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku tad-dispożizzjoni in kwistjoni – ifisser, f'dan il-każ, l-għan illi jiġi żgurat l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern u li jiġu evitati, permezz ta' din l-armonizzazzjoni, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni; u dan biss, allura, b'miżuri proporzjonati u ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet diversi tal-pajjiżi Membri. Għaldaqstant, it-Trattat ma jippermettix il-ħolqien ta' sistema li tmur lil hinn mil-limiti ta' armonizzazzjoni tal-liġi u li timpatta fuq is-sovranità fiskali ta' Stat Membru. Il-Kummissjoni għandha turi wkoll illi Stati Membri individwali jew fil-kollettiv ma jistgħux jilħqu miri komuni bl-istess mod effiċjenti ta' kif jistgħu jintlaħqu fuq livell ta' Unjoni Ewropea (sussidjarjetà) u għandu jidher biċ-ċar illi l-miżuri proposti mill-Kummissjoni huma fil-fatt il-minimi neċessarji għat-twaqqif jew funzjonament tas-Suq Ewlieni – f'dan il-każ fis-settur tas-servizzi finanzjarji – mingħajr ma tmur lil hinn minn dan l-oġġettiv (proporzjonalità). Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika l-azzjonijiet tagħha fid-dettall u turi li l-benefiċċji tal-Proposta huma wisq iktar mill-iżvantaġġi.

Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji (TTF) u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE (KUMM (2011) 594) ma turix kif it-TTF tista' twassal għal ġid ikbar fl-UE u lanqas tipprova tispjega għaliex l-Istati Membri ma jistgħux jilħqu l-istess oġġettivi fuq bażi individwali. Dan jagħti x'jifhem li l-Kummissjoni ma tistax tipprova li l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità ġewx rispettati.

Filwaqt li wieħed jinnota li l-għan ewlieni tal-Proposta huwa li ssaħħaħ is-Suq Intern tas-Servizzi Finanzjarji, prinċiparjament billi tiżgura li l-istituzzjonijiet finanzjarji jikkontribwixxu għall-ispejjeż imposti fuq l-Istati Membri b'riżultat tal-kriżi finanzjarja, jidher li dan il-għan mhux ser jintlaħaq għal bosta raġunijiet. Il-Kummissjoni Ewropea qed tisħaq illi d-Direttiva se tiżgura armonizzazzjoni ta' taxxi bejn l-Istati Membri u li l-impatt tad-Direttiva se jkun l-istess fuq kull Stat Membru. Madankollu

jidher li dan ukoll mhux ser iseħħ għal bosta raġunijiet. Fil-fatt jidher ċar illi l-għan veru primarju u aħħari tal-Proposta hu dak illi jinġabru mas-60 miljun ewro fis-sena b'żieda għar-riżorsi finanzjarji li jkunu mbagħad għad-dispożizzjoni tal-Unjoni nnifisha u maħsuba sabiex jintużaw fil-każ ipotetiku ta' xi kriżi ġdida li fil-ġejjieni tista' tkun ikkaġunata 'mis-settur finanzjarju'. Għanijiet oħra ddikjarati mill-Kummissjoni huma: sabiex tiġi imposta 'penali' fuq dawk l-operaturi li kkaġunaw il-ħsara attwali fis-swieq (iżda fil-fatt fuq kulħadd) billi dawn ikollhom jagħmlu kontribut għall-ispejjeż li kkaġunaw il-kriżi finanzjarja; sabiex jiġu ntaxxati bil-għan illi jinqerdu minn fuq is-suq dawk it-transazzjonijiet li ma 'jagħmlux kontribut għat-tisħiħ tal-effiċjenza tas-swieq finanzjarji'; u wkoll sabiex illi bl-argument tad-dħul ta' din it-taxxa fl-Ewropa, l-Unjoni tkun tista' tisħaq fuq livell globali sabex tiddaħħal TTF globali.

Dawn huma r-raġunijiet abbażi ta' xiex jinħass li l-Proposta tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà:

- Fil-preżent hemm diġà xi Stati Membri li jimponu forma jew oħra ta' taxxa fuq transazzjoni finanzjarja. Però dan qatt ma kellu effett negattiv fuq l-Istati Membri l-oħra li għażlu li ma jimponux taxxi simili. L-Istati Membri xorta ser jitħallew jagħżlu rati differenti, sakemm dejjem idaħħlu l-minimu stabbilit. Għaldaqstant, ladarba ma kienx hemm riperkussjonijiet negattivi fuq ġurisdizzjonijiet oħra Ewropej, il-Kummissjoni m'għandhiex il-prerogattivi meħtieġa biex tarmonizza l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam.

    - Fuq nota ġenerali, jekk it-TTF se tiġi applikata fl-Unjoni Ewropea biss, hemm ċans tajjeb li l-kapital se jimxi barra l-Ewropa. Dan ifisser li d-dħul ta' din it-taxxa ser ikollu riperkussjonijiet negattivi fuq il-ġurisdizzjonijiet kollha Ewropej, ħlief jekk din tkun taxxa globali fuq transazzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u b'hekk ma tpoġġix fi żvantaġġ is-settur finanzjarju Ewropew. Imbagħad, in kwantu għall-idea illi l-id tal-Unjoni taf tissaħħaħ f'xi inizjattiva globali li jista' jkun li hi bi ħsiebha li tieħu xi darba, l-esperti jgħidulna illi jkun żball kbir kieku l-Unjoni kellha ddaħħal taxxa bħal din għajr bħala parti minn qbil fuq livell globali dwar TTF; ukoll din il-miżura ma hix proporzjonata għal xi għan bħal dan, u fil-fatt TTF Ewropea waħedha wisq probabbli jkollha effett negattiv għas-settur finanzjarju sħiħ tal-Unjoni stess għaliex tkun iddaħħlet biss minna u mhux ukoll mill-kompetituri tagħha madwar id-dinja. Bħalissa, u sakemm nistgħu naraw fil-ġejjieni, ma hemm l-ebda appoġġ reali mill-pajjiżi l-oħra tad-dinja għal taxxa globali. Barra minn hekk, tajjeb li wieħed japprezza li filwaqt li s-settur finanzjarju huwa importanti ħafna għall-ekonomija Ewropea, id-daqs tas-settur finanzjarju relattiv mal-ekonomija ta' kull Stat Membru jvarja minn Stat għal ieħor. Dan ifisser, illi l-Istati Membri se jintlaqtu mit-taxxa b'mod differenti u disproporzjonat. Għaldaqstant, din il-Proposta mhux biss tikkawża riperkussjonijiet negattivi fuq il-ġurisdizzjonijiet kollha Ewropej, iżda tolqot agħar lil uħud mill-Istati Membri.

- Il-Parlament ta' Malta jisħaq illi l-prinċipju tas-sovranità tat-taxxa tal-Istati Membri għandha tiġi salvagwardjata. Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti kompetenza lill-Unjoni sabiex taddotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni li tittratta dwar taxxi fuq it-*turnover*, dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta daqs kemm din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja sabiex tiżgura l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern u tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

  Madankollu, il-Proposta tal-Kummissjoni tmur lil hinn mill-armonizzazzjoni. L-oġġettiv tal-Kummissjoni hu li toħloq sors ġdid għad-dħul, bil-għan li gradwalment jissostitwixxi kontribuzzjonijiet nazzjonali għal-baġit tal-UE biex b'hekk tnaqqas il-pressjoni fuq baġits nazzjonali. Dan il-paragrafu taħt it-titlu 'Implikazzjoni Baġitarja' fuq paġna 11 tal-Proposta tal-Kummissjoni jgħid hekk:

  > Id-dħul li jiġi mit-TTF fl-UE jista' jintuża totalment jew parzjalment bħala riżorsa proprja għall-Baġit tal-UE li jissostitwixxi ċerti riżorsi proprji eżistenti mħallsa mill-baġits nazzjonali, u dan jikkontribwixxi għall-isforzi ta' konsolidazzjoni baġitarja fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni sejra tippreżenta b'mod separat il-proposti kumplimentari li jistabbilixxu kif it-TTF tista' tintuża bħala sors għall-baġit tal-UE.

Il-Parlament hu tal-opinjoni li l-kompetenza li wieħed jiżgura l-benesseri ta' pajjiż billi jiġi aċċertat li d-dħul mit-taxxi jiġu allokati b'mod approprjat, hija ta' kull Stat Membru. Applikazzjoni wisq wiesgħa tar-regoli li tagħti poteri leġiżlattivi addizzjonali lill-Kummissjoni fl-aħħar mill-aħħar twassal għall-erożjoni tas-sovranità nazzjonali. Huwa vitali li l-Istat Membru jżomm dħul adegwat sabiex il-gvern jiżgura l-benesseri li huwa impenjat jipprovdi liċ-ċittadini. Fi kliem ieħor, il-Proposta tal-Kummissjoni ma timmirax lejn armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni fejn azzjoni mill-Istati Membri individwali ma tkunx biżżejjed, iżda li żżid id-dħul tal-Unjoni Ewropea taħt ir-riżorsi proprji tal-Unjoni. Fl-istess waqt, ma hemm xejn li jżomm kull Stat Membru jekk irid milli jagħmel taxxa jew inkella jieħu miżuri differenti mit-tassazzjoni sabiex jilqa' għal xi bżonnijiet fil-ġejjieni. Dawn il-passi ma għandhomx għalfejn jinkludu taxxa. Ir-regolamentazzjoni tas-settur jista', u qiegħed iwassal, għal operat aktar għaqli u kkontrollat fis-suq u b'mod li jolqot dawk l-istituzzjonijiet u transazzjonijiet li verament hemm bżonn illi jiġu kkontrollati. Passi bħal dawn fil-fatt qed jiġu diskussi u jittieħdu fuq livell Ewropew ukoll. Għaldaqstant ma hemmx – hekk kif għandha turi l-Kummissjoni – bżonn din it-taxxa, lanqas fuq livell nazzjonali, u lanqas fuq livell Ewropew. Il-baġit tal-Unjoni stess jista' u għandu jiżdied, jekk hemm bżonn, b'mod differenti minn dan propost.

- Il-Kummissjoni tisħaq ukoll illi t-taxxa tista' tkun sors ta' dħul għall-baġit Ewropew. Però, il-fatt illi l-Istati Membri mhux se jikkontribwixxu indaqs se jagħmilha diffiċli immens għall-Istati Membri jinnegozjaw it-tqassim tad-dħul mit-taxxa b'mod ugwali u ġust. L-argumenti favur stabilità finanzjarja hekk kif proposti mill-Kummissjoni m'għandu jkollhom l-ebda rabta mal-baġit Ewropew.

- Il-Kummissjoni tidher illi ma kkunsidratx fil-fond l-impatt tat-taxxa fuq il-konsumatur li se jkollu jħallasha fuq fondi ta' pensjonijiet u skemi ta' investiment kollettiv. Wieħed ikun għaqli jiftakar illi meta r-Renju Unit introduċa taxxa fuq il-pensjonijiet, il-konsumatur bata minn tnaqqis fl-investimenti bil-konsegwenza li l-pensjonanti kellhom inqas qligħ meta rtiraw.

- L-istudju dwar l-impatt[1] ta' din il-Proposta juri stampa negattiva fuq kull aspett tal-Proposta. Però jidher ċar illi l-Kummissjoni tixtieq tipponta subgħajha lejn is-sors tal-kriżi finanzjarja li għaddejjin minnha. Dan qed isir anki fl-isfond illi l-konsumatur se jkollu jħallas il-prezz aħħari u mhux l-istituzzjonijiet finanzjarji. L-idea li wieħed jintaxxa t-*trading books* tidher bħala għażla iktar ġusta anki fi sfond tad-differenza tal-applikabilità tat-taxxa fuq banek ta' investiment u dawk kummerċjali. Peress li, kif spjegat hawn fuq, ser ikun il-konsumatur li se jkollu jħallas l-prezz aħħari, u peress li l-Istati Membri ser jintlaqtu b'mod disproporzjonat ifisser li ċ-ċittadini tal-Istati Membri ser jerfgħu piż akbar. Dan irid ukoll jitqies fl-isfond tal-possibbiltà li din it-taxxa tkun sors ta' dħul għall-baġit Ewropew. Dan l-aġir ċertament ma jistax jitqies bħala każ ta' fejn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell tal-Unjoni Ewropea.

- Ir-referenza għall-fond ta' pensjoni f'paġna 9 tal-Proposta mhux ċara u tqajjem dubji serji jekk il-Kummissjoni mhix qed teskludi pensjonijiet stabbiliti taħt l-imsejjaħ *pension trust* milli fondi oħra. Hemm ukoll dubji serji jekk ir-referenzi għal Undertakings for Collective Investments in Transferable Securities (UCITS) u l-Fondi ta' Investiment Alternattivi taħt skemi ta' investiment kollettiv (ara paġna 17) ifissrux li skemi ta' bejgħ *non-UCITS* jaqgħux taħt l-iskop tal-Proposta.

- Fil-Proposta wieħed isib illi jekk kwalunkwe parti ta' transazzjoni finanzjarja tkun residenti fl-UE, allura t-TTF għandha titħallas. Hawnhekk, jinftiehem li l-iskop wara dan huwa biex ma jkunx hemm mixi ta' kumpaniji barra l-UE. Però mhux ċar biżżejjed jekk it-taxxa għandhiex titħallas ukoll f'każijiet li persuna fl-UE tittransita barra l-UE. Wieħed jistaqsi jekk dan ifissirx li r-*reverse charge mechanism* (bħalma wieħed isib fit-Taxxa fuq Valur Miżjud) tapplikax.

[1] SEC (2011) 1102

- Fil-Proposta tagħha l-Kummissjoni tisħaq li taħt id-Direttiva preżenti dwar it-taxxa tal-valur miżjud (Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE) teżenta transazzjonijiet finanzjarji. Però din il-Proposta ma titħadditx dwar il-Proposta għad-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fuq is-sistema komuni ta' taxxa tal-valur miżjud dwar trattament ta' assigurazzjoni u servizzi finanzjarji. Barra minn hekk il-Proposta tinjora li l-maġġoranza ta' persuni 'naturali' (konsumaturi) li jixtru dawn il-prodotti bħala parti mill-portafoll tagħhom minn intermedjarju se jiġu ntaxxati l-VAT anke fuq l-parir ta' investiment li se jingħataw mingħand l-intermedjarju.

*Il-Proporzjonalità*

Il-miżura proposta lanqas ma tissodisfa l-prinċipju tal-Proporzjonalità, hekk kif jesiġu t-Trattati u kif kellu jiġi muri mill-Kummissjoni. Is-suppost 'targitjar' tal-istituzzjonijiet u transazzjonijiet illi wasslu għall-kriżi finanzjarja tisfa' f'miżura ta' taxxa Ewropea li tolqot b'mod immedjat lil kull istituzzjoni u kull transazzjoni, u fl-istess waqt kull tip ta' investitur. Barra minn hekk, kif intqal l-ewwel, tajjeb li wieħed japprezza li filwaqt li s-settur finanzjarju huwa importanti ħafna għall-ekonomija Ewropea, id-daqs tas-settur finanzjarju relattiv mal-ekonomija ta' kull Stat Membru jvarja minn Stat għal ieħor. Dan ifisser illi l-Istati Membri, b'din il-proposta, jintlaqtu mit-taxxa b'mod differenti u xi wħud b'mod disproporzjonat. Għaldaqstant, din il-Proposta mhux biss taf tikkawża riperkussjonijiet negattivi fuq il-ġurisdizzjonijiet kollha Ewropej, iżda tolqot agħar lil uħud mill-Istati Membri. Ukoll, il-miżura hi maħsuba sabiex iddaħħal taxxa illi fil-prattika ġaladarba daħlet, bir-riżultat illi kull Stat Membru jiġi jitlef għal dejjem (fil-prattika) il-possibbiltà li jużа l-poter li jintaxxa jew le skont il-każ, meta huwa ċar anke minn studji ta' esperti u oħrajn illi jeżistu mezzi mhux leżivi għal dan il-poter sovran u li jistgħu jittieħdu mill-Istati Membri waħidhom, u li saħansitra jista' forsi jkun hemm qbil unanimu dwarhom fuq livell Ewropew. Din il-miżura ma hijiex waħda minn dawk.

**Konklużjoni**

Minħabba l-impatt fuq is-sovranità tal-Istat, minħabba l-konsegwenzi serji antiċipati minn din il-miżura kif inhi, partikolarment għal dawk l-ekonomiji b'settur finanzjarju relattivament akbar, minħabba li l-benefiċċji, kemm għal diversi Stati Membri kif ukoll għall-Unjoni, ma jeżistux meta mqabbel mal-ħsara, jew huma jekk xejn spekulattivi u dubjużi:

Il-Parlament ta' Malta ddeċieda li joġġezzjona għall-Proposta in kwestjoni u li jwassal din l-opinjoni motivata skont il-proċedura definita fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u Proporzjonalità, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Diċembru 2011**

**Parlament ta' Malta**